MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2002

Numru 358/2002

Il-Pulizija,
(Spettur Martin Sammut)
vs
Mark Anthony Cardona u
Sandra Lee Camenzuli.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:
Mark Anthony Cardona ta' 25 sena, bin Joseph u Alice née Cutajar, imwieled fit-30 ta' Awissu 1977 San Giljan, u joqghod 'Maria', Triq Tumas Dingli, B'Kara, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 449277(M), u,
Sandra-Lee Camenzuli ta' 23 sena, bin Anthony Camenzuli u May née Caruana, mwielda fis-16 ta' Novembru 1978 fl-Awstralja, u toqghod 'Adonai', Triq Clare E. Engel, San Giljan, detentura tal-Karta ta' l-Identita` numru 107887(M).
Akkuzati talli:
Nhar it-8 ta' April 2002, f'xi hin bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghodu minn gewwa l-Garden View Complex, Triq is-Sidra,

Swieqi, kkomettew serq ta' diversi oggetti u cioe` 'television' tal-marka 'Grundig', kittla, 'toaster', u set tat-telefon tal-marka 'Alcatell', ghal valur komplessiv ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000, u dan ghad-dannu ta' Giuliano Aquilina u bosta persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, hin, lok u l-persuna, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 268, 269, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati rregistraw ammissjoni volontarja u nkondizzjonata fuq l-iskorta ta' liema l-Qorti qeghdha issibhom hatja tal-akkuzi kollha riportati rispettivement kontra taghhom.
Rat, ghal fini ta' piena, l-fedina penali rispettiva taghhom u accertat illi r-rifurtiva giet restitwita;
Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f)(d), 263, 264, 267, 268, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(2);
Tiddeciedi li tapplika kontra z-zewg imputati l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 u tpoggihom taht il-harsien tal-'Probation Officer' Michele Sultana skond l-annessa formola li ghandha tifforma parti integrali ta' dan il-gudikat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------